MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2010

Numru 213/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR TREVOR MICALLEF**
**VS**
**CALCIDON BUHAGIAR**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Calcidon Buhagiar ta’ 51 sena, iben Publius u Catherine nee’ Axisa, imwieled nhar it-30 ta’ Ottubru 1957, Siggiewi, residenti ‘3’, Kentia, Triq Dun Manwel Zammit, Siggiewi u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 769357(M).

Illi huwa akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fit-8 ta’ Frar 2009 ghal habta ta’ 12:40p.m. fil-vicinanzi tal-Melita Sports Grounds, Triq il-Mediterran, Pembroke minghajr il-hsieb li joqtol u jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fil-gisem ta’ Lee James Agius;

Illi huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi insulenta bi kliem lil Lee James Agius.

Il-Qorti hija gentilment mitluba, li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mil-Ligi, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' Lee James Agius jew sabiex tinzam il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (fol.10) u dak ta' l-imputat (a fol.17) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat (a fol.13 fil-verbal datat 1 ta' Lulju 2009);

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fil-kaz in ezami, il-Qorti tinstab rinfaccata b'ammissjoni registrata mill-imputat Calcidon Buhagiar, ghall-akkuza kollha li bihom jinstab mixli. Illi l-Qorti pero' ghandha d-dmir tezamina bir-reqqa, kemm-il darba, l-akkuzi kif dedotti, fir-realta, jissussistux.

Illi fil-kaz in ezami, il-Qorti kellha l-opportunita' illi tara l-kwerelanti Lee James Agius u tezamina bir-reqqa, kemm-il darba, l-griehi illi garrab il-kwerelant hallewx cikatrici illi kienu vizibli.

Illi l-gurisprudenza nostrali hija fis-sens illi cikatrici fil-wicc trid tkun vizibli minn ftit piedi 'il boghod sabiex tiklassifika bhala sfregju taht il-Ligi Kriminali.

Illi l-Qorti ma tistghax ma tikwotax is-segwenti:

*"Xhud: Hadna b'idejn xulxin il-plejers u ahna u hergin 'il barra jigi dak ir-ragel u tani daqqa ta' ponn hawnhekk."*
*Qorti: F'wiccek?*
*Xhud: F'wicci.*
*Qorti: Hdejn halqek, hdejn xoftok?*
*Xhud: Hawnhekk ija.*
*Qorti: Sewwa. Issa ejja ftit vicin lejja please ha nara xoftok. Ok. Zgur li fuq in-naha tar-right? Fuq in-naha tal-lemin? Hawnhekk ix-xhud indika l-parti tax-xoffa fuq in-naha tal-lemin u din il-Qorti qed tikkonstata li ma hemm l-ebda cikattrici illi tidher anke minn sitt pulzieri 'l boghod."*

Illi cikatrici fuq xuftejn ta' guvni li ma tidhirx minn sitt pulzieri 'il boghod ma tista' bl-ebda mod tikwalifika bhala sfregju ai termini ta' l-Artikolu 216 jew 218 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghal dawn il-motivi u fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Calcidon Buhagiar**, hati ta' l-ewwel (1) akkuza, limitatament pero' ghal feriti ta' natura hafifa u tat-tieni (2) akkuza wara li rat Artikoli 225, 226 (1)(c) u 339 (1)(e) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, **tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur**.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti spece tal-kaz, il-fedina penali nadifa ta' l-imputat u l-ammissjoni bikrija tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------